**QORTI CIVILI - PRIM'AWLA**
**SEDE KOSTITUZZJONALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Hamis, 3 ta' Ottubru, 2024**

**Kawża Numru: 3**

**Rikors Guramentat Numru:- 220/2022 JVC**

**Raymond D'Anastas**

**vs**

**L-Avukat tal-Istat**

**Kummissarju tal-Pulizija**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors kostituzzjonali illi permezz tieghu r-rikorrenti Raymond D'Anastas detentur tal-karta tal-Identita 485558M talab kif isegwi:

1. 'Illi l-esponenti huwa ex Supretendent tal-Pulizija, li ghamel aktar minn 30 sena jservi f'diversi karigi u pozizzjonijiet differenti fil-korp tal-Pulizija.

2. Illi f'Awwissu tas-sena 2016 l-Korp tal-Pulizija u l-Kummissarju tal-Pulizija hawn konvenut kienu hargu cirkolari sabiex jinfurmaw li hemm l-vakanzi ghall-kariga ta' Assistenti Kummissarji fil-Korp tal-Pulizija. Illi l-esponenti kien applika ghall tali process ta' ghazla sabiex jigi kkunsidrat ghal din il-kariga.

3. Illi l-esponenti, ma ghaddiex mil-process tal-Bord tal-ghazla u konsegwentement ma hax il-promozzjoni minn Supretendent, ghall-Assistent Kummissarju tal-Pulizija. Illi l-esponenti l-ex Supretendent Raymond D'Anaastas hass ruhu aggravat b'din id-decizjoni.

4. Illi stante li hass ruhhu aggravat l-esponenti kien ressaq pettizzjoni quddiem il-Kummissjoni dwar is-Servizz pubbliku. Wara li saret din il-pettizzjoni, il-Kummissjoni ma laqghetx din il-petizzjoni.

5. Illi peress li l-esponenti xorta wahda hass ruhhu aggravat stante li hass li saret diskriminazzjoni fil-konfront tieghu kien ressaq ilment quddiem l-Obudsman sabiex jinvestiga l-ilment tieghu. L-esponenti fl-ilment mressaq allega li sofra diskriminazzjoni u ingustizzja mill-Bord tal-Ghazla, l-

esponenti hass ukoll li l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku ma kinetx indirizzat l-ilment tieghu b'mod li setghet titwettaq gustizzja mieghu.

6. Illi wara li sehh il-process min naha tal-ufficcju tal-Obudsman, l-ufficcju tal-Obudsman fir-rapport tieghu, li se jkun qed jigi intavolat bhala prova f'din il-kawza, iddecieda li sehhet ingustizzja meta huwa inqabez bl-aktar mod ingust f'dik li fir-rapport tieghu l-Obudsman jiddeskrivi bhala parodija, l-ghazla ghall-assistanti kummissarji f'dan il-kaz.

7. Illi in aggunta fir-rakkomandazzjonijiet tieghu l-Ombudsman jghid li stante din l-ingustizzja, li l-esponenti jhoss hija ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu, ghandu jew jerga jigi ikkunsidrat ghall-kariga ta' assistent kummissarju jew inkella jinghata is-somma ta' hmistax il-elf ewro €15,000 bhala danni li l-Obudsman jsejjah bhala danni morali.

8. Illi minkejja li ghaddew bosta xhur, kwazi sena, mid-decizjoni u r-rakkomandazzjonijiet tal-Ombudsman u minkejja bosta interpelazzjonijiet bonarji u emails lill-Kummissarju tal-Pulizija hawn konvenut, ma twettqux r-rakkomandazzjonijiet tal-Obudsman u l-esponenti baqa jsofri ingustizzja u diskriminazzjoni minhabba l-inazzjoni tal-konvenuti u dan minkejja l-konfront tar-rapport u l-konkluzjonijiet tal-Ombudsman.

9. Illi l-esponenti jhoss li stante dak hawn fuq spjegat u kif se jkompli jigi ampjament ppruvat tul il-kors ta' din il-kawza l-esponenti sofra ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu meta gie diskriminat minn naha tal-konvenuti u dan a-bazi tal-artiklu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Protokoll Numru 12

Artiklu 1 tal-Konvenzjni Ewropeja dwar id-drittijiet tal-bniedem.

Ghaldaqstant, u in vista tas-suespost, l-esponent umilment titlob lill-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara, u tiddeciedi illi d-drittijiet fundamentali tal-esponenti gew lezi meta sofra diskriminazzjoni fil-process ta' ghazla ghall-Assistent Kummissarju tal-Pulizija fic-cirkolari li harget mill-Kummissarju tal-Pulizija f'Awwissu tas-sena 2016 u li tali diskriminazzjoni sehhet a-bazi tal-Artiklu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Protokoll Numru 12 Artiklu 1 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-drittijiet tal-bniedem.

2. Tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenuti jew minn minnhom huma responsabbli ghall-kumpens ta' danni pekunarji u non pekunarji a-bazi ta' tali ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu.

3. Tillikwida l-istess kumpens u danni pekunarji u non-pekunarji kif sofferti mir-rikorrenti ai termini tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artiklu 41 tal-Konvenzjoni Ewropeja.

4. Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom sabiex ihallsu l-istess kumpens u danni likwidati ai termini tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artiklu 41 tal-Konvenzjoni Ewropeja bl-imghaxx skond il-ligi.

Bl-ispejjez inkluz tal-ittra ufficjali intavolata qabel din il-kawza odjerna.'

Rat ir-risposta tal-Avukat tal-Istat u tal-Kummissarju tal-Pulizija illi taqra kif isegwi:

'Illi r-rikorrent jilmenta illi huwa sofra diskriminazzjoni fil-process ta' ghazla ghall-Assistent Kummissarju tal-Pulizija f'Awissu tas-sena 2016 u li tali diskriminazzjoni sehhet abbazi tal-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-protokoll numru 12, Artikolu 1 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem u qieghed jitlob illi l-konvenuti jinsabu responsabbli ghal hlas ta kumpens inkluz danni pekunarji u danni non pekunarji ai termini tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-artikolu 41 tal-Konvenzjoni Ewropeja;

Illi l-esponenti ser iressqu eccezzjonijiet preliminari u fil-mertu minghajr pregudizzju ghal xulxin;

**<u>Eccezzjonijiet Preliminari</u>**

1. Illi l-esponent Avukat tal-Istat jecepixxi illi huwa m'huwiex il-legittimu kontradittur ghat-talbiet odjerni *stante* illi permezz tar-rikors promotur m'hijiex qieghda tigi attakkata ebda ligi u li l-istess esponent m'ghandu ebda setgha fir-rigward ta' hatriet ta' ufficcjali fil-Korp tal-Pulizija b'konsengwenza li ma kienx involut fil-hatriet imsemmija fir-rikors promotur. B'hekk l-esponent Avukat tal-Istat ghandu jigi illiberat mill-osservanza tal-gudizzju minnufih;

2. Illi preliminarjament ukoll, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti jirrilevaw illi r-rikorrent kellu kull mezz u rimedji ordinarji disponibbli ghalih sabiex jitlob stharrig gudizzjarju ta' xi ghemil amministrattiv imwettaq mill-esponent Kummissarju tal-Pulizija fi zmien stipulat fil-Ligi, u konsegwentament anki talba ghal danni. In-nuqqas tar-rikorrent illi jaghmel dan fiz-zmien stipulat fil-Ligi hija attribwibbli lilu u mhux lill-esponenti;

   L-esponenti ghalhekk minnufih jecepixxu illi dina l-Onorabbli Qorti ghandha tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha kostituzzjonali *stante* illi r-rikorrent kellu mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat li kienu disponibbli favur ir-rikorrent skont xi liġi oħra u dan *ai termini* tal-*proviso* tas-sub-artikolu 2 tal-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

3. Illi l-esponenti jecepixxu illi dina l-Onorabbli Qorti ma tistax issib ksur tal-Artikolu 1 tal-Protokoll numru 12 tal-Konvenzjoni *stante* li, ai termini tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Protokoll numru 12 mhux applikabbli gialadarba dan ma giex ratifikat mill-Istat Malti;

4. Illi l-esponenti jecepixxu li *dato ma non concesso* huwa applikabbli l-Artikolu 1 tal-Protokoll numru 12 tal-Konvenzjoni, il-lanjanza tar-rikorrent xorta ma tinkwadrax ruħha f'waħda mill-erba' kategoriji ta' kawżi li dwarhom jagħti protezzjoni dan l-Artikolu u dana skont l-*Explanatory Report to Protocol No. 12* u b'hekk it-talbiet imfissra fir-rikors promotur huma improponibbli;[1]

---

[1] *"According to the Explanatory Report to Protocol No. 12, the scope of protection of that Article concerns four categories of cases, in particular "where a person is discriminated against*
*1. in the enjoyment of any right specifically granted to an individual under national law;*

5. Illi l-esponenti jecepixxu illi l-artikolu 41 tat-Trattat tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem imsemmi fis-sentenza appellata jgħodd biss għall-organi ġudizzjarji tal-Kunsill tal-Ewropa u mhux għall-Qrati Maltin. Kemm hu hekk, dan l-artikolu tat-Trattat ma jifformax parti mil-liġi Maltija għaliex mhuwiex inkluż fit-tifsira ta' '*Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali*', kif riprodotta fl-artikolu 2 tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta u lanqas ma ġie traspost fil-liġi domestika skont l-artikolu 3 (3) tal-Kap 304 tal-Liġijiet ta' Malta. Ara f'dan is-sens is-sentenzi *Maria Stella sive Estelle Azzopardi Vella et vs. Avukat Generali et* deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-30 ta' Settembru 2016, *Thomas Cauchi et vs. Avukat Ġenerali et* maqtugħa fit-2 ta' Marzu 2018, *Joseph Grima et vs. L-Avukat Ġenerali et noe* mogħtija fis-27 ta' Marzu 2020, *Robert Galea vs. Avukat Ġenerali et* tas-6 ta' Ottubru 2020 u *Anthony Debono vs. Avukat Ġenerali et* deċiża fit-8 ta' Ottubru 2020. Kwindi, it-talba ghal kumpens abbazi ta' dan l-artikolu hija wkoll improponibbli;

6. Illi l-esponenti jecepixxu għal dak li jirrigwarda l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, illi dan ukoll mhuwiex applikabbli minħabba li l-imġiba diskriminatorja allegata mir-rikorrent ma

---

*2. in the enjoyment of a right which may be inferred from a clear obligation of a public authority under national law, that is, where a public authority is under an obligation under national law to behave in a particular manner;*
*3. by a public authority in the exercise of discretionary power (for example, granting certain subsidies);*
*4. by any other act or omission by a public authority (for example, the behaviour of law enforcement officers when controlling a riot)." (§ 22 of the Explanatory Report)*
*...*
*Therefore, in order to determine whether Article 1 of Protocol No. 12 to the Convention is applicable, the Court needs to establish whether the complaints fall within one of the four categories mentioned in the Explanatory Report (Savez crkava "Riječ života" and Others v. Croatia, 2010, §§ 104-105).";*

ġietx impoġġija taħt waħda mill-irjus ta' diskriminazzjoni li għalihom jirreferi l-artikolu 45(3) tal-Kostituzzjoni;

7. Illi l-esponenti jecepixxu illi t-talba ghal kumpens u danni pekunarji u danni non pekunarji ai termini tal-"Kostituzzjoni ta' Malta" hija neboluza u ma tistax tintlaqa' *stante* illi l-kontro parti f'proceduri gudizzjarji ghandhom dritt baziku illi jkunu mgharrfa bis-shih dwar il-parametri tat-talbiet imressqa kontrihom kif ukoll *stante* illi l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jaghmilha cara illi persuna trid tindika liema dritt/ijiet fundamentali mill-artikoli 33 sa 45 qieghdin allegatament jigu lezi;

**Eccezzjonijiet fil-Mertu**

8. Illi l-esponenti jecepixxu illi l-allegazzjonijiet maghmula fir-rikors promotur huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

9. Illi l-esponenti jecepixxu illi r-rapporti tal-Ombudsman, ghalkemm huma ta' natura awtorevoli, m'humiex enforzabbli bil-Ligi.[2] Illi minkejja dan, wara r-rapport tal-Ombudsman tas-26 ta' Mejju 2021, xorta wahda l-esponent Kummissarju tal-Pulizija hareg cirkolari *HR/POL/7/2021* datata 5 ta' Novembru 2021 (kopja tac-cirkolari qieghda tigi hawn annessa u mmarkata Dok '**COP 1**') u cjoe' sehja interna ghall-applikazzjonijiet ta' Assistenti Kummissarji fil-Korp tal-Pulizija

[2] L-artikolu 22 tal-Kap. 395 tal-Ligijiet ta' Malta jistipula illi r-rapporti tal-Ombudsman huma filfatt rakkomandazzjonijiet li ghandhom certu piz imma li mhumiex vinkolanti fuq l-awtoritajiet (Ara sentenza fl-ismijiet "***Said Pullicino Prim Imh Emeritus Joseph Noe Vs Il-Ministru Ghall-Intern U Sigurta' Nazzjonali Et***" (Rikors Guramentat nru: 164/2015LM) deciza minn dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta fl-10 ta' Ottubru 2015 kif kkonfermata mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fil-31 ta' Ottubru 2015

fejn is-sejha ghal post ta' Assistent Kummissarju harget b'mod trasparenti ghall-ahhar. Fil-fatt giet indikata l-htiega illi jinhatar Assistent Kummissarju illi ghandu esperjenza sabiex jamministra xoghol li ghandu x'jaqsam ma' reati finanzjarji u ekonomici u dan ukoll kif konfermat fix-xhieda tal-Kummissarju tal-Pulizija tat-3 ta' Dicembru 2021 quddiem dina l-Onorabbli Qorti fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni numru 1764/2021/1JVC. Illi ghalhekk l-esponent Kummissarju tal-Pulizija altru milli ma mexxiex mar-rakomandazzjonijiet tal-Ombudsman. Huwa mexa ma' wahda mir-rakomandazzjoni u cjoe' illi tinhareg cirkulari b'mod trasparenti kemm jista jkun;

10. Illi l-esponent Kummissarju tal-Pulizija jirrileva illi ma hemm xejn illi jistona mal-fatt illi sejha ghal promozzjoni interna ghandha jkollha rekwiziti u kunsiderazzjonijiet specifici ghat-tip ta' xoghol illi wiehed irid ikun lest jaghmel fi hdan l-awtorita'. Fil-fatt il-*Manual on Industrial Relations and the Selection and Appointment process under Delegated Authority in the Malta Public service* (li huwa rilevanti ghal kaz odjern *stante* li l-process tal-ghazla huwa delegat mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku ghand il-Kummissarju tal-Pulizija) jistipula fil-klawzoli 1.2, 1.4, 2.5 u 2.7 propju illi sejha ghandha tindika specifikament jekk hemmx htiega illi kandidati jkollhom xi specjalizazzjoni illi l-awtorita' tesigi ghal din il-kariga (kopja ta' estratt minn dan il-*Manual* qeghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok **'COP 2'**):

*"1.2 <u>Targets to be achieved by filling a vacancy</u>*

*"Before drafting a call for applications,* ***the authorities should have a clear idea of the targets to be achieved through the filling of a vacant post or position****. These targets shall:*

***i. dictate the duties expected of the selected candidate and should be stated in the call for applications***
***ii. form the basis of the eligibility requirements stated in the call for applications."***

*1.4 Eligibility requirements and duties of the post*

*The eligibility requirements stated in the call for applications should be:*

*i. **Specific: not ambiguous or generic**. Phrases such as "a pertinent degree" should be avoided. **The areas of qualifications or experience required should be clear so that the Selection Board will not find difficulty to determine whether or not a candidate is eligible. It is recommended that the words "or related areas" should be included to cater for the possibility of other related qualifications. Specific eligibility criteria increase the transparency of the selection process, as the reason for considering an applicant as ineligible would be clear***
*iii. A public officer must be confirmed in appointment prior to being eligible to apply laterally or for promotion to a higher grade/position. Thus, calls for applications, both internal and external, are to stipulate this requirement…*
***iv. Directly related to the role and duties of the selected candidate**.*

*2.5 Equality of opportunity*

*Selection Boards must not discriminate, directly or indirectly, on the grounds of gender or family responsibilities or vulnerabilities,*

*and are to ensure equality of opportunity during the selection process. In determining the eligibility of and in assessing candidates, the Selection Board should avoid any form of discriminatory treatment as defined in the Employment and Industrial Relations Act (Cap. 452 of the Laws of Malta) and subsidiary legislation (Equal Treatment in Employment Regulations - SL 452.95), as may apply from time to time, as well as the Equality for Men and Women Act (Cap. 456 of the Laws of Malta) and the Gender Identity, Gender Expression and Sex Characteristics Act (Cap. 540 of the Laws of Malta). In addition, theSelection Board should adhere to the following guidelines during the interviews: -*

*i. All applications should be processed in exactly the same way.*

***ii. Persons should be assessed according to their personal capability and competence to carry out a given job.***

*iii. Questions asked during interviews should relate to the requirements of the job.*

*iv. Questions regarding gender, family responsibilities, marital status and pregnancy/potential pregnancy, or any other discriminatory questions, are not to be asked.*

*v. No account should be taken of sex/sexual orientation, racial/ethnic origin, disability, age, religion/religious belief, political opinion or membership in a trade union/employers' association.*

*vi. In the case of promotion, care should be taken to consider favourably the non-formal qualifications arising from general experience and differing career patterns of candidates.*

*2.7 Interpretation of eligibility requirements – service in the grade, experience in relevant area, experience in a management position*

*…*

*The eligibility requirements sometimes include a number of years' experience in a "management position". A "management*

*position" is one which entails involvement in the development and management of people and policies within an organisation to reach optimal efficiency and output. The holder of a management position in the Public Service: -*

*May be required to head a Unit within a department or ministry;*

*Must be familiar with pertinent legislation and responsible for the implementation of legislation and directives relating to the Unit's jurisdiction;*

*Represents top management in seminars/meetings/court hearings, institutions of oversight, etc;*

*Assists in the implementation of policy and management directives;*

*Assists in the organization and management of a Department or Ministry;*

*Provides advice to top management regarding special areas of expertise/experience;*

*Assists in the formulation of HR, Financial and Departmental Plans;*

*Ensures the provision of a reliable, accurate and timely service in the daily operations of the Unit/Section; and*

*Ensures an even distribution of tasks according to roles, responsibilities and competences."*

Illi johrog car illi l-esponent Kummissarju tal-Pulizija mhux talli kien fid-dritt tieghu illi johrog is-sejha hekk kif inharget, imma kien fi dmiru illi johrogha b'mod trasparenti u b'mod specifiku kif fil-fatt ghamel, u dan anki skont l-istess rakkomandazzjonijiet tal-Ombudsman;

11. Illi l-esponent Kummissarju tal-Pulizija jirrileva fi kwalunkwe każ, u kif jirrileva r-rikorrent *ex admissis,* l-Ombudsman irrakomanda illi l-Kummissarju tal-Pulizija **jikkunsidra** jaghti hmistax-il elf ewro (€15,000) bhala kumpens lir-rikorrent jew

inkella jagħżel li r-rikorrent jigi **kkunsidrat** ghall-kariga ta' Assistent Kummissarju lir-rikorrent. Permezz tac-Cirkulari *HR/POL/7/2021* datata 5 ta' Novembru 2021 ir-rikorrent applika u gie kkunsidrat entro t-termini tac-Cirkulari. Illi ghalhekk ma jistax jinghad illi huwa ma giex ikkunsidrat u/jew li l-Ombudsman ghamel ordni li bil-fors jinghata dik il-kariga;

12. Illi l-esponent Kummissarju tal-Pulizija jirrileva illi l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku ma sabu ebda nuqqas fil-process tal-ghazla quddiem il-Bord tal-ghazla li sehh fis-sena 2016. Ghalhekk l-esponent Kummissarju tal-Pulizija dejjem mexa skont kif kien obbligat bil-Ligi.'

Rat illi fil-verbal datat 3 ta' Ottubru, 2024 ir-rikors gie differit ghal-lum ghad-decizjoni bil-fakulta' tal-partijiet li jipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet b'termini mposti fuqhom;

Rat ix-xhieda, dokumentazzjoni u provi kollha fl-atti;

Rat l-atti annessi tal-mandat ta' inibizzjoni 1764/2021 fl-istess ismijiet li kien gie mismugh u dekretat fuq. bazi prima facie minn din l-istess Qorti;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet esebiti fl-atti;

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi permezz tar-rikors kostituzzjonali odjern ir-rikorrent, ex-Supretendent tal-Pulizija, jsostni li huwa sofra lezjoni fid-drittijiet fundamentali tieghu fis-sens li jsostni li gie diskriminat meta lura fis-sena 2016 huwa applika ghall-posizzjoni ta' Assistent Kummissarju, gie ezaminat u ma ghaddhiex mill-istess u dan anki ghaliex wara li lmenta mal-Ombudsman dan tal-ahhar iddikjara li kif saret l-ghazla r-rikorrent kien intiz li jfalli. Jitlob ghalhekk li din il-Qorti tiddikjara li huwa gie diskriminat fit-termini tal-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Protokoll numru 12 Artikolu 1 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Jitlob ulterjorment li din il-Qorti tiddikjara lill-intimati jew minn minnhom responsabbli ghall-hlas ta' kumpens ta' danni pekunjarji u non pekunjarji lilu a bazi tal-istess lezjoni wara li tillikwida l-istess fit-termini tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-artikolu 41 tal-Konvenzjoni Ewropeja.

Illi da parti taghha l-intimati fl-ewwel lok jeccepixxu li l-intimat Avukat tal-Istat mhux il-legittimu kontradittur stante li dan il-kaz ma jirrigwardax xi tibdil jew applikazzjomi ta' ligi u li huwa ma ghandu l-ebda setgha fuq il-hatra ta' membri tal-Korp tal-Pulizija, li r-rikorrent ma esawriex ir-rimedji ordinarji kollha dipsonibbli ghalih fosthom dik ta' stharrig gudizzjarju ta' ghemil amministrattiv imwettaq mill-Kummissarj tal-Pulizija, illi l-artikolu 1 tal-Protokoll numru 12 tal-Konvenzjoni mhux applikabbli stante li mhux ratifikat mill-Istat Malti u li fi kwalunkwe kaz il-lanjanza ma tikwalifikax taht l-istess, illi l-artikolu 41 tal-Konvenzjoni Ewropea jghodd biss ghall-organi gudizzjarji tal-Kunsill tal-Ewropa u mhux ghall-Qrati Maltin, li l-

artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta wkoll mhux applikabbli ghaliex id-diskriminazzjoni allegata ma taqax taht wahda mill-irjus ta' diskriminazzjoni kontenuti fl-istess u r-rikorrent ma ndikax liema mid-drittijiet fundamentali mill-artikoli 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni allegatament gew lezi. Fil-mertu jsostnu li ghalkemm ir-rapport tal-Ombudsman mhux inforzabbli xorta wahda f'dan il-kaz regghet saret sejha kif rakomandat u li ma taghmel l-ebda differenza li din, din id-darba, kienet qed titlob b'mod aktar specifiku certu rekwiziti minghand l-applikanti u dan kif johrog ukoll mill-*manual* applikabbli ghal tali sejhiet. Jsostnu li la darba harget is-sejha u r-rikorrent applika allura ma hu dovut l-ebda kumpens ghar-rikorrent. Finalment isostnu li l-Kummissjoni ghas-Servizz Pubbliku ma sabet l-ebda nuqqas fil-process tal-ghazla quddiem il-Bord tal-ghazla lura fis-sena 2006 u li ghalhekk il-Kummissarju tal-Pulizija dejjem mexa skont il-ligi.

**Eccezzjonijiet preliminari:**

Illi dwar l-eccezzjoni li l-Avukat tal-Istat mhux il-legittimu kontradittur il-Qorti tirrileva li l-Avukat tal-Istat appuntu fil-ligi jirraprezenta lill-Istat Malti, r-rikorrent fil-proceduri odjerni qed jallega li certu branki li jaqghu fl-amministrazzjoni tal-Istat agixxew bi ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu ghaldaqstant din il-Qorti tqis li flimkien mal-Kummissarju tal-Pulizija, l-Avukat tal-Istat ghandu interess f'dawn il-proceduri b'dana li huwa wkoll legittimu kontradittur, ghalhekk ser tghaddi sabiex tichad din l-ewwel eccezzjoni preliminari. Dan ma jfissirx izda f'dan l-istadju li l-ilment tar-rikorrent huwa gustifikat.

Illi dwar l-eccezzjoni li r-rikorrent ma ezawriex ir-rimedji ordinarji moghtija lilu l-Qorti rat li qabel ma wasal sal-punt odjern ir-rikorrent ghamel petizzjoni quddiem il-Kummissjoni ghas-Servizz

Pubbliku kif ukoll quddiem l-Ombudsman. Evidentement stante li r-rakomandazzjoni tal-Ombudsman harget diversi snin wara, it-terminu sabiex tigi intavolata kawza ta' stharrig amministrattiv kien ilu li ddekada. Fi kwalunkwe kaz izda fl-atti odjerni r-rikorrent qed jallega ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu b'dana li hija din il-Qorti biss fis-sede kostituzzjonali taghha li ghandha l-kompetenza fuq tali talbiet ghaldaqstant il-Qorti ser tghaddi sabiex tichad ukoll din it-tieni eccezzjoni preliminari.

Illi dwar l-eccezzjoni li l-artikolu 1 tal-Protokoll numru 12 tal-Konvenzjoni mhux applikabbli stante li mhux ratifikat mill-Istat Malti, jirrizulta li dan huwa minnu ghalhekk it-talba tar-rikorrent trid tigi limitata biss fit-termini tal-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u mhux fuq l-artikolu 1 tal-Protokoll numru 12 tal-Konvenzjoni. In vista ta' dan il-Qorti ser tilqa' din it-tielet eccezzjoni preliminari tal-intimati. Per konsegwenza jirrizulta li r-raba' eccezzjoni preliminari hija sorvolata.

Illi dwar l-eccezzjoni preliminari li l-artikolu 41 tal-Konvenzjoni Ewropea jghodd biss ghall-organi gudizzjarji tal-Kunsill tal-Ewropa u mhux ghall-Qrati Maltin dan huwa wkoll minnu ghalhekk din l-eccezzjoni ser tigi milqugha b'dana izda li ghal dak li hu kumpens f'kaz li din il-Qorti fil-mertu verament issib il-lezjoni allegata, huwa ben not li l-Qrati Maltin ghandhom diskrezzjoni assoluta li jiddeciedu r-rimedju nkluz il-penali jekk ikun il-kaz minghajr il-bzonn ta' referenza ghal xi artikolu tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

Illi dwar l-eccezzjoni preliminari li l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta mhux applikabbli ghaliex id-diskriminazzjoni allegata ma taqax taht wahda mill-irjus ta' diskriminazzjoni kontenuti fl-istess u li r-rikorrent ma ndikax liema mid-drittijiet fudnamentali

mill-artikoli 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni allegatament gew lezi l-Qorti tqis li din aktar ghandha xehta ta' eccezzjoni fil-mertu milli eccezzjoni preliminari w'ghalhekk ser tghaddi sabiex tikkunsidra l-mertu rimanenti tal-lanjanza tar-rikorrenti *vis a' vis* l-eccezzjonijiet rimanenti.

**Provi fuq il-mertu:**

Il-Qorti, rat id-dokument anness mar-risposta tal-intimati intitolat 'Post of Assistance Commissioner in the Malta Polie Force in the ministry For Home Affirs, National SEcurity and Law Enforcement, datat il-5 ta' Novembru, 2021 (fol. 13 et seq) u rat partikolarment li dan id-dokument kien jinkludi l-kundizzjonijiet segwenti:

'4.1 By the closing time and date of this call for applciations, applicants must be Public Officers who are confirmed in the rank of Police Superintendent.'

Articlu 7.2 jirrikjedi pjan ta' azzjoni ghal tlett snin li jinkludi 'elements of financial crime investigation '.

Rat a fol. 25 et seq tal-process l-Opinjoni Finali tal-Ombudsman AC Mifsud datat 26 ta' Mejju, 2021 fejn il-fatti tal-kaz sal-mument li gie ntavolat l-ilment jigu elenkati kif isegwi:

'L-Ilment
1. Is-Sur D'Anastas (complainant) huwa Supretendent fil-Korp tal-Pulizija. Huwa applika ghall-grad ta' Assistent Kummissarju fil-Korp tal-Pulizija wara li harget cirkolari fit-22 ta' Awwissu 2016'. Il-process ta' selezzjoni sar u 1-complainant deher quddiem il-Bord tal-Ghazla imma m'ghaddiex u ma hax il-promozzioni.

2. Huwa hassu aggravat bir-rizultat u allega li 1-process kien ivvizzjat minhabba diversi ragunijiet imma 1-iktar minhabba l-fatt li I-esperjenza tieghu, I-kwalifiki tieghu u s-servizz ezemplari li ta matul is-snin li serva mal-Korp tal-Pulizija ma kienx gie ikkalkulat. Ghalhekk hass li huwa kellu jilmenta mal-Ombudsman. . . .

. . . Il-Fatti tal-Kaz

15. FI-1 ta' Dicembru 2016 il-Kummissarju tal-Pulizija, dak iz-zmien is-Sur Lawrence Cutajar, u z-zewg membri tal-Bord ta' Selezzjoni, s-Sinjuri Josie Brincat u Joseph Mangani, lestew ir-rapport taghhom. Huma irraportaw li 1-intervisti saru fid-19 u 1-20 ta' Ottubru u t-2 ta' Novembru 2016 fejn ghaddew erbatax-il kandidat u fallew (failed) seba' kandidati, inkluz il-complainant.

16. F'dan ir-rapport kien hemm 1-Assessment Criteria li gew approvati mill-Kummissjoni ghas-Servizz Pubbliku fI-14 ta' Ottubru 2016. Dawn kienu maqsumin hekk: . . .

… 17. Fil-11 ta' Jannar 2017 is-Segretarju Permanenti fi hdan il-Ministeru ghall-Intern u Sigurtà Nazzonali informa lill-Kummissarju tal-Pulizija li hu kien approva r-rapport u r-rizultati tal-process tal-ghazla.

18. Peress li l-*complainant* m'ghaddiex u ma kienx sodisfatt bir-rizultat tal-process tal-ghazla hu uzufruwixxa ruhu mir-Regolament 24 tar-Regolamenti tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku dwar Hatriet. Dan ir-Regolament jghid:

"*(1) Applikant ghal post vakanti, li jkun ghadda mill-istadji kollha tal-process ta' ghazla u li jhossu aggravat bir-rizultat tal-bord ta' ghazla ghar-raguni li r-rizultat ma jirrifletti il-principju ta' mertu, jista' jaghmel petizzioni lil Kummissjoni ghal rimedju*"

19. Fil-fatt hu baghat il-petizzjoni tieghu lill-Kummissjoni fit-30 ta' Jannar 2017.
FI-10 ta' Marzu 2017 il-Kummissjoni informat lill-*complainant* li kienet ged tgharbel il-petizzioni tieghu u li, wara li ikkonsultat mal-Bord tal-Ghazla, taghtu l- opportunita li jaghti I-kummenti tieghu ghal dak li kien gal il-Bord fi zmien hamest ijiem mid-data tal-ittra taghha.

20. Il-*complainant* hekk ghamel b'korrispondenza tal-14 ta' Marzu 2017. Dakinhar stess, il-Kummissjoni informatu li kienet ser issir laggha mieghu fil-21 ta' Marzu 2017.

21. Fil-15 ta' Marzu 2017 il-Kummissjoni baghtitlu n-noti li kien ghamel il-Bord waqt l-intervista ta' selezzjoni mal-*complainant*.

22. Il-laqgha saret fil-21 ta' Marzu 2017.

23. Fis-6 ta' April 2017 il-Kummissjoni iltaqghet ma' zewg membri tal-Bord tal-Ghazla dwar il-process li sar.

24. Fit-12 ta' April 2017, fuq talba tal-Kummissjoni, saret laqgha ohra mal-complainant u l-avukat tieghu.

25. Fil-5 ta' Mejju 2017 il-Kummissjoni informatu hekk:
*'... the Commission concluded that there are no reasons to justify a change to the result of the selection process.*
*In the light of the above, the Commission confirms the conclusions reached by the Selection Board as communicated to you on 10" March 2017 and considers this case as closed."8*

26. Il-*complainant* imbaghad issottometta ilment mal-Ombudsman fit-13 ta' Mejju 2017.'

## Rat li l-Ombudsman fid-decizjoni tieghu wasal ghall-konkluzjonijiet segwenti:

*'Konkluzjonijiet u Rakkomandazzionijiet*

54. Minn dan kollu li gie ipprezentat quddiemi u mill-informazzjoni li gbarna, il-konkluzjoni tal-Ombudsman hija li l-process ta' selezzjoni kien ivvizzjat b'difetti li ikkontribwixxew ghall-ingustizzja gravi lill-*complainant*.

55. Il-*complainant* b'dan ma kellux xi dritt sagrosant li jigi promoss imma zgur kellu d-dritt li jigi trattat b'mod dinjituz permezz ta' process li kien

trasparenti u regolat. Meta thares lejn il-*Manual* tippretendi li ser tigi ipprocessat hekk kif hemm fil-*Manual*. Imma anke l-kriterji gew zlugati b'mod li ma ntaghrfux izjed. Li kieku kien hemm raguni ghal dan forsi wiehed jifhem ahjar imma l-opinjoni tieghi hija li dan sar apposta. Mill-affarijiet kif saru jidher li kien hemm attentat car ghal nuqqas ta' *accountability* ghax ma kienx hemm rendikont akkurat ta' kif inghataw il-marki.

56. M’ghandiex il-kunfidenza li l-ghazla saret kif suppost. Il-ligi stess, jigifieri l-Kostituzzjoni nnifisha u r-regolamenti li johorgu minnha dwar il-processi tal-ghazla u l-*Manual* ghandhom *safeguards* bizzejjed biex process bhal dan jitmexxa sew. Imma ma garax hekk.

57. Naturalment f’dan il-kuntest hemm il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. L-Ombudsman certament ma jridx johloq konflitt ma' din l-istituzzjoni kostituzzjonali. Il-Kummissjoni gharblet dan il-process. Kellha taghmel hekk ukoll minhabba li l-complainant issottometta petizzjoni u kien hemm laqghat mieghu. Il-Kummissjoni marret oltre dan. Baghtet ghall-Kummissarju tal-Pulizija, is-Sur Lawrence Cutajar, u poggietlu mistoqsijiet iebsin. Hi ddeliberat u minn minuti huwa manifest li kien hemm diskussjoni ampja tal-process shih. Fl-ahhar ittiehed vot, kif hemm kjarament ipprovdut fir-Regolamenti, u l-ghazla tal-ex Kummissarju tal-Pulizija u l-membri l-ohra tal-Bord giet ikkonfermata.

58. L-Ombudsman huwa intitolat li jaghti opinjoni. Ghalhekk l-Ufficcju tieghu gie ikkreat u protett mill-Kostituzzjoni u ghandu d-dritt u sahansitra l-obbligu li jinvestiga allegazzjonijiet ta' din ix-xorta li investiga hawnhekk. Dan il-process kien ivvizzjat u l-ex Kummissarju tal-Pulizija ippreseda fuq parodija ta' process formali.

59. Din l-opinjoni tal-Ombudsman naturalment m'hijiex ser tinzel sew ma' minn kellu l-interess li jhalli dan il-process jghaddi. M'hijiex l-intenzjoni tieghi li nirrakkomanda li l-process ghandu jsehh mill-gdid. M'hijiex l-intenzjoni tieghi li nitfa' xi htija fuq dawk li gew promossi. Anke dawk li ma kinux idoneji ghal din il-pozizzjoni elevata fil-Pulizija m'ghazlux lilhom infushom u, importanti hafna, kien hemm, u ghadhom iservu ufficjali li kien haqqhom jigu promossi ghax kellhom servizz twil u dekoruz fil-Pulizija. Dawn zgur ma jahtu xejn.

60. Din l-ingustizzja gravi l-Ombudsman irid jipprova jirrimedjaha. Madanakollu, l-Ombudsman ma jistax igib l-*istatus quo ante* mhux ghal wicc dawk li ma haqqhomx li jigu promossi imma minhabba li kien hemm xi whud li kien hagghom isiru Assistenti Kummissarji ghaliex hadmu bil-ghaqal. Hemm ukoll id-diffikultà li process li ghadda mill-gharbiel tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku jista' jolqot il-funzjonament Kostituzzjonali tal-Kummissjoni.

61. L-Ombudsman fil-fatt ma jridx jeskludi jew jinjora l-funzjoni u l-poteri tal-Kummissjoni ghaliex jekk jaghmel dan ikun qed imur kontra l-ispirtu jekk mhux il-kelma tal-Kostituzzjoni. Min-naha l-ohra l-Ombudsman ma jistax jaccetta ezercizzju ta' diskrezzjoni mill-Bord tal-Ghazla li agixxa b'mod arbitrarju.

62. Irid jigi mifhum li l-Ombudsman ma hax pozizzioni kuntrarja ghal dik tal-Kummissioni ghal skopijiet pwerili. Il-procedura quddiem il-Kummissjoni u dik quddiem 1-Ombudsman huma ghal kollox separati u distinti minn xulxin. Il-vantagg, jekk tista' ssejjahlu hekk, ta' dan l-Ufficcju hu li investigazzjoni tiehu l-kors taghha u m'hemmx il-pressjoni li decizjoni tittiehed malajr kemm jista' jkun. Naturalment, ma jkunx hemm ghazliet ghall-pozizzionijiet u mili ta' *vacancies* quddiem l-Ombudsman bhalma jkun hemm quddiem il-Kummissjoni.

63. Jiena nsib li l-*complainant* sofra ingustizzja meta m'ghaddiex mis-selezzjoni ghall-mili tal-kariga ta' Assistent Kummissarju tal-Pulizija. Il-process li uza l-Bord kien ivvizzjat u kien mahsub li jwassal ghall-ghazla ta' xi individwi li ma kienux idoneji ghall-kariga u biex dawn jiehdu posthom ufficjali bhal *complainant* ma ntaghzlux.
Jiena nirrakkomanda li l-Kummissarju tal-Pulizija jibda proceduri biex ufficjali fis-sitwazzjoni tal-*complainant* jergghu jissottometttu ghal process ta' selezzjoni ghal din il-kariga, jigifieri li jergghu jinfethu applikazzionijiet ghal dan ir-rank. Fin-nuqqas, jigifieri jekk dan ma jsirx, nirrakkomanda li l-complainant jinghata kumpens ta' €15,000 f'danni morali ghall-fatt li mir-rizultati ta' din l-investigazzioni huwa lanqas biss kellu l-opportunità li jikkompeti b'mod gust mal-applikanti l-ohra. Dan il-kumpens mhux qed jigi

irrakkomandat minhabba li kien hemm certezza li kien ser jiehu l-promozzioni imma c-certezza li kien ser ifalli.'

Rat **ix-xhieda ta' Lawrence Cutajar li lura fis-sena 2016 kien *Acting Commissioner* mbaghad Kummissarju tal-Pulizija a fol. 90 et seq tal-process.** Jixhed illi kieku l-process tal-ghazla kien hazin kienet twaqqfu l-Kummissjoni ghas-Servizz Pubbliku. Izid li r-rapport tal-Ombudsman huwa ma rahx. Jghid ukoll illi lil dawk li applikaw huwa kollha kien jahdem maghhom u kellu fiducja fihom. Jinsisti li fid-decizjoni huwa kien parti minn Bord u mhux wahdu. Ma jiftakarx jekk kienx hemm xi membru tal-Bord li ma qabilx fuq haga jew ohra. Jghid izda li ma kienx hemm xi *issues* kbar ghaliex kieku jiftakarhom. Mistoqsi jekk kienx hemm xi kirterju tal-ghazla dwar is-sahha mentali jew *well being* tal-applikant jghid li ma jiftakarx li kien hemm. Izid li huwa hadem mar-rikorrent u li qatt ma kien hemm xi disgwit bejniethom. Jghid li sa fejn jiftakar il-*performance reports* tar-rikorrent fis-snin 2017, 2018 u 2019 kienu posittivi.

Rat **ix-xhieda tal-Ispettur Jurgen Vella a fol. 100 et seq tal-process.** u d-dokumentazzjoni esebita minnu a fol. 74 et seq tal-process. Jghid li dwar is-sejha tas-sena 2021 kien hemm mandat ta' inibizzjoi u ma regghetx harget sejha minn dak iz-zmien il-quddiem allavolja l-mandat ma ntlaqax. Ma jafx ezatt ghalfejn ma tkomplietx is-sejha.

**Rat ix-xhieda tar-rikorrent a fol. 103 et seq tal-process** fejn jesebixxi wkoll diversa dokumentazzjoni. Huwa jixhed dwar kif sehhet is-sejha lura fis-sena 2016 u jispjega bid-dokumentazzjoni. A fol. 74 jesebixxi kopja tas-sejha datata 22 ta' Awwissu, 2016 liema sejha wkoll tinkludi li l-applikant 'must be Public Officers in the rank of Superintendent of Police' mal-hin tal-gheluq tas-sejha,

rat izda li din is-sejha ma kinitx tinkludi li l-applikanti jiprezentaw xi pjan ta' azzjoni ghal tlett snin u fuq xi arja ta' specjalizzjoni partikolari bhal dik tas-sena 2021. A fol. 76 rat il-marki li ottjenew l-applikanti u min gie maghzul u rat li karta tal-identita' partikolari tidher kemm ma dawk li gew mahtura kif ukoll dawk li m'ghaddewx! Rat id-dokumentazzjoni sussegwenti relatata mal-marki li inghata r-rikorrent waqt l-intervista. Jispjega li l-applikazzjoni tieghu kienet in-numru 5 sabiex b'hekk ikun jista' jinftiehem liem wiehed hu fuq id-dokument a fol. 76 tal-process. Jinsisti li wahda mill-kriterji tal-Bord kienet 'emotional stability' u hu ma jistax jghid x'suppost kien qed jigi ezaminat f'dan ir-rigward. Huwa kkontesta l-marki li inghata mill-Bord. Appella quddiem il-kummissjoni ghas-Servizz Pubbliku li ghalkemm ikkonfermat id-decizjoni jghid li ssostni li ma kinitx sodisfatta bil-*performance* tal-Kummissarju Lawrence Cutajar. Dwar l-Ombudsman jghid li dam ghaddej erba' snin fuq il-*complaint* tieghu b'dana li r-rakomandazzjoi harget fil-21 ta' Mejju 2021. Jghid li wara l-intervista, fis-snin ta' wara l-istess Chairman tal-Bord u cioe' l-Kummissarju tah kummenti tajbin hafna dwar il-*performance* tieghu. Jixhed li huwa f'dan l-istadju mhux interessat li jsir Assistent Kummissarju ghaliex m'ghadux fil-Korp izda fl-effett finanzjarju li kellu konsegwenti ghall-fatt li huwa ma nghatax il-hatra. Jinsisti fuq il-fatt li l-Ombudsman iddikjara li l-mod kif saret is-sejha kien hemm certezza li hu ma kien ser ifalli. Jesebixxi dokument a fol. 82 li skont hu jirraprezenta t-telf ta' salarju, allowances u pensjoni rizultat li ma hax il-promozzjoni fis-somma ta' €112, 737. Din giet mahduma mal-*accounts.* Jesebixxi e-mail li juru li anki wara l-intervista x-xoghol tieghu baqa jigi mfahhar minn dawk ta' fuqu. Dwar is-sejha li harget fis-sena 2021 jghid li huwa fit-12 ta' Ottubru, 2021 kien hareg bil-*pre retirement leave* u anki kien irritorna l-uniformi. Wara dan kollu cemplulu mill-kwartieri u qalulu li kienet harget is-sejha l-gdida ghall-

Assistenti Kummissarji. Jixhed li ghalkemm kien refa' mix-xoghol huwa tefa' l-applikazzjoni kif kien gie nfurmat biex jaghmel izda sussegwentement gie nfurmat li ma kienx eligibbli ghal zewg ragunijiet fosthom ghaliex kien fl-eta ta' rtirar (ara fol. 88 ergo). Kien ghalhekk li gie ntavolat il-mandat ta' inibizzjoni li l-atti tieghu gew annessi mar-rikors odjern. Sa fejn jaf hu minn din is-sejha ma saru l-ebda Assistenti Kummissarji ghaliex waqfet ghaliex qalulu li giet 'null and void' u sa fejn jaf hu wara ma harget l-ebda sejha ohra sa d-data li kien qed jixhed.

Ir-rikorrent, dwar ir-rapport tal-Ombudsman, jixhed li ma jaqbilx ma' dik il-parti li taghti kumpens ta' €15,000 ghaliex hu sofra telf ferm akbar minn hekk kif gia suespost. Jispjega li r-rendikont imsemmi aktar il-fuq jiprevedi zmien ta' ghoxrin sena (20) pensjoni u jixhed li dan il-prospett hadmu ma' persuna ohra meta kien id-Distrett ta' San Giljan izda jista' jghid *accountant* li jikkonfermah. Jixhed ukoll li huwa ha s-*shield* fuq 'Crime Reduction' tlett darbiet darba fuq id-distrett ta' tas-Sliema u darbtejn fuq San Giljan u dan ma ttiehed bl-ebda mod in konsiderazzjoni fl-intervista tas-sena 2016. Jghid li permezz tal-kawza odjerna mhux qed jikkontesta c-cirkolari tas-sena 2021 ghax dik issa spiccat. Mistoqsi jekk jafx x'marki inghataw l-applikant l-ohra lura fis-sena 2016 jghid li ghalkemm talabhom dawn ma nghatawx lilu. Jixed li t-tul ta' zmien tieghu fil-pulizija u l-fatt li nghata s-'shields' ma kellhomx iwassluh biex jiehu l-promozzjoni imma almenu kellhom jittiehdu in konsiderazzjoni, il-*performance* kellha tittiehed in konsiderazzjoni.

Rat li r-rikorrent xehed in kontro-ezami nhar l-20 ta' Guju, 2023 a fol. 168 et seq tal-process. Jghid li ma jafx ufficjalment ghalfejn kienet giet irtirata s-sejha ta' Novembru 2021. Huwa ma protestax li jigi gradat bil-marki, protesta biss wara li hareg ir-rizultat. Jghid

li l-fatt li huwa ma kellux proceduri ta' dixxiplina kellu jkun ukoll kriterju ghall-eligibilita' tal-promozzjoni ghaliex haddiehor kellu proceduri u xorta ha l-pomozzjoni. Jixhed li kienu ilu mis-sena 1979 fil-Korp u jsostni li l-fatt li kellu *performance bonus* mhux baxx ta' 11/15 kellu jkun ukoll kriterju ghaliex hemm min ikollu 4 jew 5 fuq 15. Dwar il-'breakdown' tal-paga li tilef jghid li l-ewwel ghenu jaghmlu *rough* Spettur izda mbaghad ghamlu hu. Ma jafx jghid jekk regghetx infethet is-sejha ghall-Assistenti Kummissarji. Dwar ir-rakomandazzjoni tal-Ombudsman jghid li huwa ma jaqbilx mal-ammont tal-kumpens moghti, fil-bqija jaqbel ma kollox.

Rat **ix-xhieda ta' l-Ispettur Jurgen Vella, spettur fit-taqsima tar-rizorsi umani fil-Korp tal-Pulizija datata 7 ta' Marzu, 2013, a fol. 151 et seq tal-process kif ukoll id-dokumentazzjoni esebita minnu a fol. 135 et seq.** Dwar is-sejha tal-5 ta' Novembru, 2021 (fol. 135) ghall-posizzjoni ta' Assistenti Kummissarji, jghid li f'din is-sejha kien hemm ukoll l-applikazzjoni tar-rikorrent. Izid li dwar din kien hemm petizzjoni lill-Kummissjoni ghas-Servizz Pubbliku li ddecidiet li din is-sejha kellha tigi annullata (fol. 138). Jixhed ukoll li harget sejha ohra datata 17 ta' Frar, 2023 li ghalqet fit-3 ta' Marzu, 2023 u jipprezenta kopja tal-istess sejha a fol. 140 et seq tal-process. Din il-Qorti rat li din id-darba is-sejha inbidlet fis-sens li fil-klawzola numru 7 gie rikjest 'a three-year plan outlining their vision for a specific operational area of their choice and in line with the Malta Police Trasformation Strategy . . . '

Rat illi a fol. 185 gie ukoll prezentat affidavit ta' dan l-istess xhud l-iSpettur Jurgen Vella fejn jixhed dwar il-kronologija tal-fatti skont hu kif isegwi:

’1. Illi nhar it-tnejn u ghoxrin (22) t Awwissu tal-2016, harget sejha ghal kariga t'Assistent Kummissarju li giet pubblikata b'cirkulari numru 22/2016. Is-sejha kienet taghlaq fit-tnejn (2) ta' Settembru 2016.

2. L-intervisti ta wiehed u ghoxrin (21) applikant, li kienu jokkupaw il-kariga ta Supretendenti u li kienu applikaw ghal din is-sejha saru flewwel (1) ta' Dicembru 2016.

3. Fis-sbatax (17) ta Jannar 2017, gew ippublikat irrizultati tal-intervisti.

4. Sussegwentament, il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku (KSP) kienu rcievew sitt (6) petizzionijiet, b'wahda minnhom tkun dik tas-sur Raymond D'Anastas, li kienet inbghatet fit-tletin (30) ta Jannar 2017.

5. Fil-hamsa (5) ta Mejju 2017, wiehed mill-applikant hassu ggravat bir-rizultat u kien talab ghal hrug ta' Mandat t'Inibizzjoni li kien intlaqa' provizzorjament izda fis-6 ta' Gunju 2017, il-Qorti ma lagghetx it-talba ghal mandate b'mod definittiv.

6. Fil-hmistax (15) ta Gunju 2017, ghaxar (10) ufficjali gew promossi fir-rank t' Assistenti Kummissarji. F'Awwissu 2018 gew promossi tnejn (2) ohra u l-ahhar zewg Assistenti Kummissarji minn din is-sejha gew appuntati fil-15 ta' Jannar 2020.

7. Illi s-sur D'Anatas talab sabiex jirrezenja bil-pensjoni tlett (3) darbiet, fl-ghaxra (10) t' April 2006, tmienja u ghoxrin (28) ta' Novembru 2011 u fil-hmistax (15) ta' Gunju 2021.

8. Fid-dsatax (19) ta Gunju 2017, l-Ufficcju tal-Ombudsman gharraf lill-Kummissarju li s-Sur D'Anatas kien ressaq ilment mieghu u ghaldaqstant kien qieghed jitlob xi informazzioni relatata mal-process tal-ghazla ghas-sejha msemmija. Il-Kummissarju kien wiegeb u sussegwentament, l-Ufficcju tal-Ombudsman kien talab ghall-laqgha mal-Kummissarju kif ukoll sabiex jigi mghoddi xi *personal files/dossiers* ta' dawk l-applikanti li ghaddew b' success il-process tal-ghazla.

9. Fis-sitta u ghoxrin (26) ta Mejju 2021, I-Ufficcju tal-Ombudsman ikkonkluda u pprezenta r-rapport tieghu. F'dan ir-rapport, gie konkluz li s-sur D'Anastas kien sofra pregudizzju u ghalhekk kien mehtieg li bhala rimedju, terga tinhareg sejha gdida, inkella l-istess D'Anatas kellhu jinghata kumpens ta' hmistax -il elf euro (€15,000).

10. Fit-tlieta u ghoxrin (23) ta Gunju 2021, is-Segretarju Permanenti tal-Ministeru ghall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza, kien gharraf lill-Ufficju tal-Ombudsman illi fil-hin opportun kienet ser tiftah sejha ghall-Assistenti Kummissarji.

11. Fil-hamsa (5) ta' Novembru 2021, kienet harget sejha gdida ghall-post t'Assistenti Kummissarji liema sejha kienet taghlaq fissitta u ghoxrin (26) tá Novembru 2021.

12. Wara numru ta' petizionijiet minn diversi applikanti, il-process tal-ghazla tal- imsemmija sejha gie annullat mill-KSP fit-tmienja u ghoxrin (28) t' Awwissu 2022.

13. Sejha gdida ghall-post t'Assistenti Kummissarji regghet fethet fis-17 ta' Frar 2023 u ghalqet fit-3 ta Marzu 2023. Il-process tal-ghazla ghadu sal-lum mhux konkluz.'

Rat **ix-xhieda tas-Surgent PS 2146 Maria Geraldine Farrugia a fol. 154 et seq tal-process** li ezebiet numru ta' dokumenti rapprezentanti 'payscales' ta' ufficcjali fil-Korp tal-Pulizia a fol. 143 et seq tal-process u d-differenza fil-paga tar-rikorrent li kieku huwa nghata l-promozzjoni.

Rat **ix-xhieda tal-Assistent direttur fl-ufficcju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku Angele Cilia Degiorgio a fol. 156 et seq tal-process** li tikkonferma d-dokument li jevidenzja d-decizjoni tal-Kummissjoni li tannulla s-sejha li harget f'Novembru 2021.

Rat **ix-xhieda tal-Ex Supretendent Carmel Bartolo a fol 158 et seq tal-process datata 7 ta' Marzu, 2023**. Jghid li hu kien ukoll applika ghas-sejha tas-sena 2016, li kien ircieva r-rizultat u ra li kien wiehed mill-ftit li ma ghaddhiex. Ra ukoll li fl-istess rizultat kandidat partikolari deher li kien ghaddha u ma ghaddhiex fl-istess hin. Il-Qorti rat li fil-fatt dan jirrizulta mid-dokument a fol. 76 tal-process fejn il-karta tal-identita' numru 242671M hija ripetuta. Wara ftit jghid li dahlet e-mail ohra fejn tnehha l-izball. Wara dan kollu qamulu xi suspetti u talab li jinghata l-marki tieghu minghand il-Kummissarju tal-Pulizija. Wara dan iddecieda li jaghmel petizzjoni ghand il-Kummissjoni ghas-Servizz Pubbliku u skont hu tul is-smiegh hargu diversi anomaliji u jinsisti li minn dak li hareg irrizulta li l-ezami u l-*weighting* ma sarx skont il-*manual*. Jghid dan partikolarment b'referenza ghall-marki dwar l-esperjenza li fuq total ta' 100% kellhom ikunu ta' 20%meta fil-fatt dawn inghataw biss massimu ta' 10% fil-marka globali. Bhar-

rikorrent huwa ghamel ilment quddiem l-Ombudsman li ddikjara kumpens li izda qatt ma thallas. Meta harget is-sejha fis-sena 2021 huwa kien diga spicca mill-Korp. Ma jafx jghid l-10% l-ohra li tnehhew mill-kriterju tal-esperjenza jekk marrux fuq l-edukazzjoni.

Rat ix-**xhieda ta' Simone Cini a fol. 209 et seq tal-process** li tixhed dwr id-differenza fil-pensjoni li qed jircievi rizultat tal-fatt li huwa ma hax il-promozzjoni fejn fuq sena fis-sena 2024 id-differenza kienet ta' madwar €5308 anqas pensjoni.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi minn dak kollu suespost johrog car lil din il-Qorti li dak li r-rikorrent qed jallega huwa, li fil-process tal-ghazla fis-sejha ghan-nomina ta' Assistenti Kummissarji lura fis-sena 2016, hu gie diskriminat ghaliex gie trattat b'mod divers minn dawk li kienu qed jikkompetu mieghu ghall-istess posizzjoni. Konsegwenza ta' hekk huwa jsostni li ma hax tali promozzjoni b'rizultat li lahaq hareg bil-pensjoni u qed jiehu pensjoni anqas ghar-raguni li ma rtirax bil-paga ta' Assistent Kummissarju izda b'dik ta' Supretendent. Fil-fatt jirrizulta li fuq is-sena 2024 biss biss huwa rcieva oltre hamest'elef Euro (€5,000) anqas f'pensjoni rizultat ta' dan kollu. Jidher ghalhekk li r-rikorrent qed jallega diskriminazzjoni abbazi ta' 'like with like' li wasslet ghall-ksur tad-dritt tieghu li jgawdi l-proprjeta' fit-termini tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Stante ghalhekk jirrizulta li l-allegazzjoni ta' diskriminazzjoni fit-termini tal-artikolu 45 hija mill-fatti allacjata ma' allegat ksur tal-artikolu 37 tal-istess Kostituzzjoni, dan kollu jwassal lil din il-Qorti sabiex f'dan l-istadju tichad is-sitt eccezzjoni preliminari tal-intimati.

Illi mill-provi jirrizulta li ghalkemm il-Kummissjoni ghas-Servizzi Pubblici ikkonfermat ir-rizultat tas-sejha, effettivament gew innotati diversi anomaliji fil-process tal-ghazla. Dan ikkonfermah ukoll xhud applikant iehor f'dik il-procedura l-ex Supretendent Carmel Bartolo a fol. 158 et seq tal-process. Dan kollu gie wkoll ikkonfermat mill-analizi tal-fatti estensiva li saret mill-Ombudsman li r-rakomandazzjoni tieghu giet prezentata fl-atti odjerni.

Illi din il-Qorti Kostituzzjonali, wara li rat il-provi kollha fl-atti, tqis li gie sufficjentement ippruvat li verament fl-ezami ta' dik is-sejha jidher li sar minn kollox sabiex jigu maghzula certu kandidati fuq ohrajn, mhux biss ir-rikorrent. Dan ma jfissirx li din il-Qorti qed tghid li hadd minn dawk promossi ma kien haqqu li jigi promoss izda huwa evidenti li uhud minn dawk promossi inghataw spinta l-quddiem ghalkemm ma kienx haqqhom, filwaqt li kandidati ohra bhar-rikorrent spiccaw ma kelhom l-ebda cans li jigu kkunsidrati ghall-posizzjoni. Il-process tal-ghazla jidher li kien biss faccata ghal lista ta' applikanti li jidher li gia kienu maghzula minn qabel irrilevantement mill-mertu taghhom jew le. In vista tat-trattament divers li inghata r-rikorrent meta komparat ma' applikanti ohra li kien haqqhom ferm anqas li jinghataw il-promozzjoni izda jidher li kellhom imbuttatura, jirrizulta allura li verament sehhet diskriminazzjoni fil-konfront tar-rikorrent li gie sottopost ghal process ta' ghazla irrizorju fejn qatt ma kellu cans li jinghata l-posizzjoni irrilevantement jekk bil-hiliet tieghu kienx jikkwalifika jew le.

Illi mill-atti jirrizulta li l-fatt li r-rikorrent ma nghatax opportunita' vera' li jigi ezaminat u maghzul ghall-hatra ta' Assistent Kummissarju, kif ukoll il-fatt li wara tali process huwa lahaq irtira mill-Korp, dawn gabuh f'posizzjoni li hu ma kienx jikwalifika

sabiex jerga' validament japplika ghall-posizzjoni meta regghet harget is-sejha fis-sena 2021 ghalhekk din il-parti tar-rakomandazzjoni tal-Ombudsman qatt ma setghet fil-verita' ssehh. Dwar din is-sejha din il-Qorti wkoll ghandha bosta riservi stante li ghalkemm giet intiza bhala rimedju ghal dak rakomandat mill-Ombudsman, il-kundizzjonijiet fl-istess sejha gew varjati ferm mis-sejha tas-sena 2016, fosthom ir-rikjesta ghal pjan ta' azzjoni partikolari dwar ir-reati finanzjarji u ekonomici liema rekwizit ma kienx inkluz fis-sejha tas-sena 2016. F'ghajnejn din il-Qorti, dan ir-rekwizit gie mizjud appuntu sabiex jaghmilha aktar difficli ghar-rikorrent u persuni fil-posizzjoni tieghu li japplikaw, apparti l-fatt li uhud minnhom kienu iritraw mill-Korp allura ma kienux jikkwalifikaw lanqas biex japplikaw, fattur li certament kien a konjizzjoni tal-Kummissarju ntimat.

Il-Qorti ghalhekk ser tghaddi sabiex tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrent stante li ssib li r-rikorrent sofra diskriminazzjoni abbazi ta' 'like with like' fil-process ta' ghazla tas-sena 2016, dan izda abbazi biss tal-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif allacjat mal-artikolu 37 tal-istess Kostituzzjoni filwaqt li tichadha fir-rigward tal-Protokoll numru 12 Artiklu 1 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

**Rimedju**

Illi bhala rimedju r-rikorrent mhux qed jitlob li jerga jippartecipa f'sejha ghan-nomina ta' Assistenti Kummissarji stante li fil-frattemp huwa rtira mill-Korp tal-Pulizija. Fix-xhieda tieghu ghamilha cara li dak li jipretendi huwa l-hlas ta' danni kemm pekunjarji kif ukoll non-pekunjarji konsegwenza tad-diskriminazzjoni li sehhet fil-konfront tieghu. B'referenza ghar-rakomandazzjoni tal-Ombudsman huwa jghid li jaqbel mal-

konkluzjonijiet kollha kif kontenuti fl-istess ghajr ghall-kumpens ta' €15,000 rakomandat fl-istess stante li jsostnu li fejn it-telf veru li qed isofri, principalmet minn tnaqqis fil-pensjoni huwa ferm aktar minn hekk. Fil-fatt isostni fl-atti li fuq aspettativa ta' ghoxrin sena pensjoni huwa kkalkula danni ta' madwar €112,000.

Illi din il-Qorti Kostituzzonali mihiex ser tidhol fil-mertu ta' dak rakomandat mill-Ombudsman stante li mihiex di kompetenza taghha fl-ambitu ta' dan ir-rikors Kostituzzjonali u ser thalli din il-kwistjoni impregudikata bejn il-partijiet.

Illi din il-Qorti tqis li dak kollu suespost wassal sabiex ir-rikorrent baqa' fil-limbu dwar jekk fil-fatt kienx jigi mahtur bhala Assistent Kummissarju jew le lura fis-sena 2016, li kieku l-process tal-ghazla ma kienx vizzjat b'diskriminazzjoni fil-konfront tieghu u probabbli fil-konfront ta' uhud mill-applikanti l-ohra. Dan id-dubju l-Qorti tqis li ghandu jmur favur ir-rikorrent la darba hu ma kellu x'jaqsam xejn mal-procedura adoperata fis-sejha.

Illi dwar id-danni pekunjari, kif gia inghad, fl-atti tressqet prova li fis-sena 2024 biss ir-rikorrent ircieva oltre €5,000 anqas f'pensjoni in vista li din qed tigi kkalkolata fuq il-paga ta' Supretendent u mhux dik ta' Assistent Kummissarju. Jekk il-Qorti tiehu dan l-ammont ghad-dritt fuq terminu ta' ghoxrin (20) sena pensjoni kif indikat mir-rikorrent dan jekwivali ghas-somma ta' €100,000. Pero' din il-Qorti ma tistax teskludi li seta' kien hemm il-possibilita' li anki li kieku l-process tal-ghazla ma kienx imcappas bl-element tad-diskriminazzjoni, r-rikorrent mhux neccessarjament kien ser jigi maghzul ghall-kariga ta' Assistent Kummissarju. In vista ta' dan il-Qorti tasal biex tnaqqas 30% minn tali somma bir-rizultat ikun dak ta' €70,000. Apparti minn dan il-Qorti tqis li t-terminu ta' ghoxrin (20) sena huwa pjuttost

wiehed spekulattiv u filwaqt li tawgura li r-rikorrent jghix u jgawdi l-hajja pensjonabbli ghal ferm aktar minn hekk, tqis li din l-incertezza ghandha wkoll tigi riflessa fil-kalkolu tal-kumpens billi tnaqqas 20% ulterjuri, b'dana li t-total ta' danni pekunjarji dovuti jammonta ghal sitta u hamsin elf Euro (€56,000).

Illi ghal dawk li huma danni non-pekunjarji l-Qorti tqis li f'dan il-kaz in vista li r-rikorrent ilu jsoffri din id-diskriminazzjoni mis-sena 2016, li s-somma ta' hamest'elef Euro (€5,000) bhala danni hija wahda gusta fic-cirkustanzi.

Ghal dak li hu min mill-intimati ghandu jaghmel tajjeb ghal dawn id-danni, l-Qorti tqis li la darba jidher li din id-diskriminazzjoni sehhet f'ambitu ta' Bord presedut mill-Kummissarju tal-Pulizija ta' dak iz-zmien u zewg persuni ohra indipendenti mill-Kummissarju izda in rapprezentanza tal-istat allura dawn il-penali ghandhom ikunu dovuti in solidum lir-rikorrent miz-zewg intimati.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti tghaddi sabiex taqta u tiddeciedi dan l-ilment Kostituzzjonali kif isegwi:

1. Tichad l-ewwel, it-tieni, is-sitt u s-seba' eccezzjonijiet preliminari tal-intimati;

2. Tilqa' t-tielet eccezzjoni preliminari tal-intimati u *per conseguenza* tiddikjara ir-raba' eccezzjoni preliminari bhala sorvolata;

3. Tilqa' l-hames eccezzjoni preliminari tal-intimati;

4. Tichad l-eccezzjonijet kollha fil-mertu mqajjma mill-intimati sakemm dawn huma nkompatibbli ma' dak hawn deciz;

5. Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrent limitatament fit-termini tal-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif allacjat mal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni filwaqt li tichadha fit-termini tal-Protokoll Numru 12 Artikolu 1 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-drittijiet tal-Bniedem;

6. Tilqa' t-tieni talba kif dedotta fil-konfront taz-zewg intimati b'mod solidali;

7. Tilqa' t-tielet talba tar-rikorrenti, b'eskluzjoni izda tal-artikolu 41 tal-Konvenzjoni Ewropeja ndikat u tiffissa total ta' kumpens f'danni pekunjarji u non-pekunjari fis-somma ta' wiehed u sittin elf Euro (€61,000);

8. Tilqa' r-raba' talba tar-rikorrent, b'eskluzjoni izda tal-artikolu 41 tal-Konvenzjoni Ewropeja ndikat u tordna li l-kumpens huwa pagabbli lir-rikorrent mill-intimati solidalment bl-imghaxijiet skont il-ligi jibdew jiddekorru mid-data ta' din id-decizjoni sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimati.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**03 ta' Ottubru, 2024**

**Cora Catania**
**Deputat Reġistratur**
**03 ta' Ottubru, 2024**